# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 21 ta' Ġunju 2022**

**Talba numru 182/2021SFJ**

**360 FOOD IMPORTS LIMITED (C46590)**

**vs.**

**LISA LO MONACO (PASSAPORT TALJAN AV1127751)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fl-14 ta' Ġunju 2021 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet li l-konvenuta tkun ikkundannata tħallasha s-somma ta' elf u mitejn u wieħed u tletin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€1,231.12);

Ra li d-diversi tentattivi għan-notifika tal-konvenuta ma rnexxewx, tant li kellha tiġi adoperata l-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetti lokali;

Ra li l-konvenuta ma ppreżentat ebda Risposta u ma dehret għal ebda seduta għad li kienet innotifikata permezz tal-proċedura hawn fuq imsemmija;

Sema' l-provi, ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-21 ta' Ġunju 2022.

## Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal

Il-konvenuta, għalkemm debitament mgħarrfa bl-Avviż tat-Talba u nnotifikata skont il-liġi, naqset li tippreżenta Risposta u naqset ukoll li tidher f'xi seduta jew oħra.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina

jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Xehed taħt ġurament l-Avukat Dr Jonathon Abela, li ppreżenta riżoluzzjoni tal-bord tad-diretturi tas-soċjetà attriċi, liema riżoluzzjoni kienet tagħtih rappreżentanza legali tal-istess soċjetà. Taħt ġurament, huwa kkonferma li l-ammont dovut kien prezz ta' merkanzija konsistenti f'ikel ikkonsenjata lill-konvenuta, liema prezz ma tħallas qatt. Għalhekk, l-ammont kien għadu dovut *in toto*. Huwa spjega li l-konvenuta kellha restorant fil-Belt Valletta bl-isem "*La Cantina*" u l-ikel kien għal dak ir-restorant.

*Siccome* t-talbiet tas-soċjetà attriċi ġew issostanzjati bix-xhieda ġuramentata, it-Tribunal ma jarax għaliex it-talbiet tas-soċjetà attriċi m'għandhomx jintlaqgħu.

**Deċide**

Għaldaqstant, wara li sema' lix-xhud, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' elf u mitejn u wieħed u tletin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€1,231.12) bl-imgħax li għandu jiġi kkalkulat b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi, dekorribbli mill-ftuħ ta' din il-kawża sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**